# GHADA

*Ta'* ĠUŻI ABELA

Aktar m'għadhiex titbandal bejn il-friegħi
Il-frotta ħamranija; issa nġabret
Fil-kaxex ta' l-injam, u se jsifruha
Lejn artijiet imbiegħda 'l hinn minn ħdanek,
Minn ħdanek, j'Omm, minn ħdanek, siġra sfajra,
Int li nissiltha, int li għajjixtha, u kibret
Bħal ħutha l-oħra bil-mijiet, bl-eluf.

Issa dik l-id li drat tisraq bis-sengħa
Lil dawk l-ulied li kibru taħt għajnejk
Ħallietek waħdek, u int stennejt ħosbiena,
Lil min ħassarlek l-aħħar fdal ta' ġmielek,
Lil min ħallik mistħija f'dan il-ġnien.

Hemm l-aħħar werqa fuq dirgħajk titriegħed,
Iddur, tiltewa, biex il-bewsa taħrab
Ta' żiffa oħra qarrieqa li dalwaqt
Tifridkom minn xulxin, u l-aħħar werqa
Tinżel titkaxkar qalb il-ħmieġ u t-tajn.

U għada l-ebda għasfur m'hu ġej iserraħ
Fuq dawk dirgħajk nexfin; u ħadd ma jfittex
Il-kenn ħdejn ħoġrok; għada n-nies ser tgħaddi
Tiddieħak bik, bil-kruha ta' xjuħitek.

Imm'għada toqrob jum lejn ir-Rebbiegħa.
Għada tkattar il-frott, il-friegħi, l-weraq.
Għada ser tilbes libsa ġdida u isbaħ.

*Corpus Christi College.*

*Victoria, Awstralja.*